MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Numru. 148/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**
**KONTRA**

**BRIAN FENECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Brian Fenech ta' 29 sena, bin Francis u Emilia nee' Mucat, mwieled Pieta' nhar il- 5 ta' Mejju 1982, residenti 56, Triq l- Izbark tal- Francizi, Mellieha, u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 249482M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fil- 25 ta’ Dicembru 2009 ghall- habta tal- 04.00hrs gewwa Triq Tul il- Kosta, Bahar ic- Caghaq, Naxxar saq vettura numru BRI 582 b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti tat- traffiku haba ma’ vettura b’ numru JSF 167 u nolontarjament kkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Annabelle Mifsud skont ma ccertifikat Dr. Duncan Xuereb MD 2970 mill- MDH. Kif ukoll ikkaguna griehi nvolontarji ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Marica Galea skont ma ccertifika Dr. Carlo Refalo MD 3235 mill- MDH u fuq il- persuna ta’ Sandra Falzon skont ma ccertifika Dr. K.B. Theuma MD 5201 kif ukoll kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Josef Aquilina skont ma ccertifika Dr. N. Spiteri 3238 mill- MDH;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fis-sieghat bikrin ta’ nhar il-25 ta’ Dicembru, 2009, sehhet kollizjoni bejn zewg vetturi fit-triq ta’ Bahar ic-Caghaq, maghrufa bhala l-Coast Road. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu BRI 582 niezel in-nizla ta’ fejn “Splash and Fun Park” fid-direzzjoni lejn San Pawl il-Bahar, meta sehhet il-kollizjoni mal-vettura JSF 167 misjuqa minn Josef Aquilina. Kagun ta’ din il-habta sofrew griehi kemm l-imputat kemm Aquilina, kif ukoll il-passiggieri riekbin ma’ Aquilina. Il-Pulizija ssejhu fuq il-post u wara li ghamlu l-investigazzjonijiet taghhom, inbdew dawn il-proceduri kontra Fenech.

Mil-provi prodotti, ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-incident li sehh u l-griehi li gew sofferti minn kull min kien

involut. Li ma hemmx qbil fuqu hi d-dinamika ta’ kif gara l-incident. Huwa fatt li l-vetturi spiccaw iharsu lejn xulxin fil-karreggjata fejn kien qed isuq Aquilina, allura l-presunzjoni hi li l-imputat qasam il-karreggjata u habat fil-vettura l-ohra. L-imputat min-naha tieghu qed ighid il-kontra, jigifieri li kien Aquilina li hareg ghal go l-karreggjata tieghu u Fenech kellu jaghmel manuvra evasiva billi johrog ghal fuq il-karreggjata opposta, meta fl-istess waqt Aquilina rega’ dahal lura ghall-karreggjata tieghu l-korretta, u b’hekk sehhet il-habta.

Ix-xhieda prodotti mil-Prosekuzzjoni kollha kkonfermaw il-verzjoni moghtija minn Aquilina, jigifieri li hu kien ghaddej fil-karreggjata tieghu u l-imputat dahal fih. Huwa biss l-imputat li jaghti verzjoni opposta ta’ kif gara l-incident. Madankollu, il-verzjoni ta’ xhud wiehed biss hija bizzejjed biex tigi emmnuta. Il-fatt li hemm erba’ xhieda jikkontraddicu dak li qal l-imputat mhux necessarjament ifisser li m’ghandux ragun. Il-Qorti ghalhekk sejra tezamina l-provi l-ohra prodotti biex tara kif fil-fatt seta’ gara dan l-incident.

Il-lok fejn gara l-incident huwa mfisser car fil-process, kemm bl-iskizz ippresentat mil-Pulizija, kif ukoll mir-ritratti esebiti. Fil-bajja ta’ Bahar ic-Caghaq, esatt kif tinqabez l-ahhar liwja hekk inti u gej minn San Pawl il-Bahar, it-triq tiddritta ftit u tibda t-telgha li taghti ghal “Splash and Fun” u l-kumplament tat-telgha, fid-direzzjoni ta’ St Andrews. L-incident gara ezatt f’din il-parti tat-triq, wara l-liwja u hekk kif tiddritta ftit. Jigifieri jekk wiehed hu niezel minn St Andrews, fuq il-lemin tieghu hemm il-bajja u l-bahar u fuq ix-xellug hemm id-dahla li taghti ghad-djar tal-lokal. L-incident jidher li sehh ezatt wara li tinqabez din id-dahla fuq ix-xellug.

Aquilina jghid li hu kien ghaddej fit-triq ser jaqbad it-telgha, meta l-vettura tal-imputat baqghet gejja ghal fuqu u b’hekk sehhet il-kollizjoni. L-imputat jaghti l-verzjoni opposta, jigifieri li Aquilina gie ghal fuq il-karreggjata tieghu wara li dar l-ahhar liwja msemmija, u l-habta saret wara li l-imputat ghamel manuvra evaziva u pprova jiskapula lil Aquilina fl-istess waqt li Aquilina kien qed

jikkoregi d-direzzjoni tal-vettura tieghu u jerga’ jidhol fuq in-naha tat-triq it-tajba.

Il-Qorti ma tistax tiehu l-verzjoni tal-imputat bhala wahda verosimili, izda tara li hi inverosimili ghall-ahhar. Dan qed tghidu wara li rat l-iskizz tal-Pulizija u rat it-triq in kwistjoni. Ghall-grazzja tal-argument, halli niehdu l-verzjoni tal-imputat. Hu jghid li Aquilina baqa’ jdur l-ahhar liwja u gie fil-karreggjata opposta, ezatt ghal fuq l-imputat. Huma t-tnejn ghamlu manuvra evaziva, billi Aquilina jmur lura ghall-karreggjata tieghu u l-imputat jaqsam ghall-karreggjata opposta. Li kieku verament gara hekk, il-vetturi ma kienux jispiccaw kif fil-fatt spiccaw, jigifieri jharsu lejn xulxin u ftit angolati ma’ xulxin. Ghalhekk il-Qorti sejra tpoggi d-dinamika tal-incident fil-kuntest tal-provi cirkostanzjali jew indizzjarji f’dan il-kaz.

Dan qed jinghad peress illi l-hsara fiz-zewg vetturi kienet wahda estensiva u pricipalment fuq in-naha ta’ quddiem fit-tnejn li huma, u hija indikattiva ta’ velocida’ kwazi eccessiva. B’dik il-velocita’ il-hsara kienet tkun ferm differenti li kieku l-vetturi habtu ma’ xulxin huma u jippruvaw jevitaw lil xulxin. Fir-rikostruzzjoni tal-incident, il-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha l-fatt fiziku u matematiku li kull oggett li hu miexi ghandu certu momentum, li jikkorrespondi mal-piz tal-oggett u mal-velocita’ tal-istess oggett. Tenut kont ta’ zewg oggetti jahbtu hekk ma’ xulxin, l-effett tal-impatt taghhom – in vista tal-momentum taghhom – huwa multiplikat. Li kieku dawn habtu huma u jippruvaw jiskapulaw lil xulxin, il-momentum taghhom kienet twassalhom biex ikollhom hsara estensiva fuq ix-xewka ta’ quddiem u fuq il-genb l-oppost ta’ xulxin. Jigifieri, il-vettura tal-imputat kien ikollha l-hsara ewlenija fuq in-naha ta’ quddiem izda aktar lejn ix-xellug, kif ukoll fuq il-genb kollu tax-xellug, peress illi l-imputat qed ighid li hu  kiser ghal fuq il-lemin tieghu, u l-vettura kienet tibqa’ tkaxkar fuq ix-xellug taghha man-naha tal-lemin tal-vettura misjuqa minn Aquilina, sakemm tigi wieqfa mac-cint li hemm fil-genb tat-triq, in-naha tal-bahar. Il-vetturi ma waqfux ma’ genb xulxin it-tnejn iharsu lejn il-bahar. Li kieku huma waqfu hekk, allura l-Qorti kienet taghti ragun lill-imputat fil-verzjoni tieghu. Izda

peress illi waqfu kwazi jharsu lejn xulxin, dik il-verzjoni hi inverosimili ghall-ahhar.

Inoltre, l-"accident spot of impact" huwa ghal kollox fuq il-karreggjata ta' Aquilina, dik qrib tal-bahar, u l-vetturi waqfu hekk kif habtu. Dan ifisser li l-momentum taghhom waqaf f'daqqa u gie assorbit kollu fil-hsara estensiva fil-faccati ta' quddiem taz-zewg vetturi. Li kieku l-vetturi qed jaghmlu manuvra evasiva kif qed jipprova jallega l-imputat, bil-momentum taghhom jibqghu miexjin ma' genb xulxin sakemm jahbtu mac-cint baxx li hemm fil-genb tat-triq u b'hekk jaqbzu l-ispot of impact, u jigu t-tnejn iharsu lejn il-bahar, u mhux iharsu lejn xulxin.

Il-fatt, ghalhekk, li l-vetturi waqfu kif waqfu juri bic-car li l-habta kienet wahda frontali. Il-"final resting position" taghhom hija ftit perpendikolari ghas-semplici raguni li l-momentum taghhom igieghel il-vettura biex tinbezaq ftit lagenba minn wara, kif fil-fatt ghamlu z-zewg vetturi. Dan ghaliex vettura li tahbat ma' oggett iehor bil-fors toghla xi ftit minn wara mad-daqqa, peress illi l-momentum ikun qed jimbotta l-vettura dejjem 'il quddiem, u b'hekk il-vettura tperper ftit minn wara lejn naha jew ohra. Fl-ahhar lok, ghandu jigi nnutat li l-impatt sehh meta' l-vetturi kienu ghaddejjin b'velocita' sinjifikanti. Dan qed jinghad peress illi l-hsara fiz-zewg vetturi kienet wahda konsiderevoli, u l-griehi li sofrew in-nies kollha nvoluti fl-incident kienu kollha griehi ta' certa portata. Fil-fehma tal-Qorti, hija hafna aktar verosimili li l-imputat, hu u niezel in-nizla ta' Bahar ic-Caghaq, baqa' hiereg ghal-lemin tieghu u gie fil-karreggjata opposta, fejn habat mal-vettura ta' Aquilina. Li kieku l-vettura ta' Aquilina kienet qed tigi misjuqa b'velocita' konsiderevoli, allura l-ahhar liwja kienet tkun fatali ghaliha, aktar u aktar jekk din tipprova taghmel manuvra evaziva. Kieku gara hekk, l-impatt kien ikun fuq ix-xewka ta' quddiem taz-zewg vetturi, izda l-"final resting position" taghhom kienikun ghal kollox differenti, bhal ma gia' inghad hawn fuq, u l-hsara kienet tkun wahda estensiva fuq il-gnub tal-vetturi, u mhux fuq in-naha ta' quddiem.

Tenut kont, ghalhekk, tal-provi indizzjarji kollha hekk kif prodotti quddiem din il-Qorti, id-dinamika tal-incident sehh kif spjegat, jigifieri billi l-imputat baqa’ hiereg fuq il-karreggjata opposta hekk kif spicca n-nizla fit-triq, bil-konsegwenza li sehhet il-kollizjoni. Il-Qorti ma tarax li kien hemm xi negligenza kontributorja da parti ta’ Aquilina. L-incident kollu sehh minhabba fis-sewqan hazin tal-imputat, li ghalhekk qed jigi addebitat bir-responsabbilita’ kollha tal-incident, u ghalhekk ser jinstab hati tieghu. Kwantu ghal finijiet ta’ piena, il-Qorti trid taghti sanzjoni iebsa lill-imputat, peress illi dan l-incident ma kienx wiehed ta’ portata zghira, izda fl-istess waqt ma tarax il-htiega li tirrestringi l-liberta’ tal-istess imputat. Ghalhekk il-piena sejra tkun wahda ta’ prigunerija sospiza, flimkien ma’ ordni ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 30(1)(b) u 328 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah terminu ta’ xaharejn prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tordna l-iskwalifika tal- imputat mill- licenzja tas- sewqan ghall-perijodu ta’ sena, ai termini tal-Artikolu 30(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------